MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 103/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Christopher Scerri (K.I. 419778M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut ghandu jhallas lis-socejta’ attrici s-somma ta’ elf, hames mija u sittin ewro, disgha u sebghin centezmu (€1560.79) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru 491599 moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 23 ta’ Novembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------